# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 3 ta' Mejju, 2016**

**Talba Nru: 740/2015/VG**

**Mobisle Communications Limited [C-24655] u b'digriet datat 22 ta' Jannar, 2016 l-atti tal-kawza gew assunti minn GO p.l.c. minflok is-socjeta Mobisle Communications Limited**

**Vs**

**Jane SACCO [ID 8762A]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fid-9 ta' Settembru, 2015** u li permezz taghha talbet lill-intimata thallasha s-somma ta' hames mija u wiehed u erbghin euro u tnejn u sebghin centezmi ta' euro [€541.72c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Illi l-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' hames mija, wiehed u erbghin euro u tnejn u sebghin centezmu (€541.72) liema ammont huwa in konnessjoni ma' servizz ta'

mobile bin-numru 79281901 li jgib l-akkont numru A/C 40161980 moghti mis-socjeta attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati:

- Dok IZY1 u Dok IZY2 – prospett u ftehim ghall-akkont numru A/C40161980;

- Dok IZY3 – estratt mir-Registru Elettorali;

- Dok IZY4 – kopja ta’ ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas izda baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni”.

Ra li l-intimata giet debitament notifikata bil-procedura ta’ l-affissjoni u l-pubblikazzjoni u li baqghet ma resqet l-ebda risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

Semgha x-xhieda ta’ Charmaine Wiffen, rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti, li kkonfermat li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimata.

Ra li Dr. Keith Grech ddikjara li s-socjeta rikorrenti ma kellhiex provi aktar xi tressaq u talab lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza, liema talba t-Tribunal laqa’.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimata, tas-somma ta' hames mija u wiehed u erbghin euro u tnejn u sebghin centezmi ta' euro [€541.72c] in konnessjoni ma' servizz ta' mobile bin-numru 79281901 li jgib l-akkont numru A/C 40161980 moghti minnha lill-intimata.

2. Illi b'digriet datat 22 ta' Jannar, 2016 l-atti tal-kawza gew assunti mis-socjeta GO p.l.c. minflok is-socjeta Mobisle Communications Limited (fol. 25).

Ikkunsidra;

3. Charmaine Wiffen, rapprezentanta tas-socjeta GO p.l.c., kkonfermat bil-gurament taghha llum stess li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimata.

Ikkunsidra ulterjorment;

4. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment hekk:

*(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*

(a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

5. Imbaghad il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*

*(b) Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

6. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

7. Fil-kaz odjern, l-intimata giet debitament notifikata bil-procedura ta' l-affissjoni u l-pubblikazzjoni u li la resqet risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

8. Jirrizulta li t-talba tas-socjeta rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mis-socjeta rikorrenti ma ghandux mis-sewwa.

9. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta rikorrenti huwa dovut mill-intimata.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti kif kontenuta fit-Talba taghha u konsegwentement jikkundanna lill-intimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' hames mija u wiehed u erbghin euro u tnejn u sebghin centezmi ta' euro [€541.72c] bl-imghaxijiet kif mitluba fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mil-5 ta' Awwissu, 2014 data tal-ittra ufficjali (fol. 6), sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali numru 1646/14, huma a kariku tal-intimata.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**